MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 938/2011

**Socjeta 360 Food Imports Ltd**
**C 46590**

**Vs**

**Frederick Cauchi**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Novembru 2011 fejn is-socjeta attrici talbet illi konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u tletin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€631.72) liema somma jew somma ohra verjuri rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Awissu 2011 u bl-imghax legali mis-16 ta' Awissu 2011 sal-hlas effettiv u l-ammont ta' tlieta u

ghoxrin Ewro (€23.30) bhala konsult, kontra l-konvenut ingunt sabiex jidher in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll bl-imghax legali.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi. B'dan pero deher l-avukat difensur tal-parti fid-9 ta' Jannar 2012. Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012 minkejja li kien ghadda t-terminu sabiex tigi pprezentata r-risposta l-konvenut talab illi zmien sabiex jaghmel dan u t-Tribunal ikkonceda ghaxart ijiem zmien sabiex din tigi pprezentata r-risposta.

Fis-seduta sussegwenti u cioe tal-14 ta' Frar 2012 l-konvenut ipprezenta nota li permezz taghha huwa ddikjara li l-ammont pretiz mhux qed jigi kkontestat.

F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal konjizzjoni tac-cirkostanza tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, u stnate illi kien il-konvenut stess li ammetta li l-ammont pretiz mhux ikkontestat it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u tletin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€631.72) flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Awissu 2011 kif ukoll mas-somma ta' tlieta u ghoxrin Ewro (€23.20) somma li tirraprezenta konsult kif ukoll mal-imghax legali mid-data tas-16 ta' Awissu 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal- konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------